MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 20 – 4 Leġiżlatura**

**l-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2023**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Ħal-Luqa | Is-Sur John Schembri |
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Kunsilliera Ħamrun | Is-Sa Carmen Borg |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Sindku Birzebbugia | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Ħal-Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |
| Sindku Santa Luċija | Kapt. Charmaine St John |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Viċi President/ Sindku Gudja | Is-Sa Maria Sara Vella Gafa |
| Sindku Marsascala | Is-Sur Mario Calleja |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Qormi | Nutar Josef Masini Vento |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sa. Mariella Strout | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**20.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija;**

20.1.1 Il-President qara l-ittri ta' apoloġija mibgħuta mis-Sindku tal- Gudja, Sindku ta' Marsascala u Sindku ta' Żejtun fejn ġiet mogħtija r-raġuni li għaliha ma setgħax jattendi.

20.1.2 Il-Membri preżenti approvaw l-apoloġija b'mod unanimu.

**20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

20.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' Tmintax (19) il laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

20.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur John Schembri u s-sekondat mis-Sinjura Carmen Borg, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

**20.3 Komunikazzjoni mill-President;**

**Każ 1835 – Richard Cauchi vs Regjuni – update**

20.3.1 Il-President informa li Reġjun kif kien ikkomunikat huwa deher quddiem il-Qorti ta' l-Appelli Ċivili ( Superjuri) dwar każ li jirrigwarda Tender ta' Streetlighting nhar il-25 ta' Mejju 2023 izda kien infurmat li l-kawza ġiet differita għal 15 ta'Ġunju 2023

**Konferenza Stampa rigward il ftehim ta' l-iskema Latrini Awtomatiċi**

20.3.2 Il-President informa lil membri li ser issir konferenza stampa rigward il ftehim ta' l-iskema Latrini Awtomatiċi nhar 18 ta' Lulju 10.00 sa 11.00. Għal din il-konferenza ser jiġu mistiedna Hon Segretarju Parlamentari, Id-Direttur SPI u is-Sindki u Segretarji Eżekuttivi ta' dawk il lokalitajiet li se jibbenifikaw mill-iskema. Se tintbagħat iktar informazzjoni mill uffiċju ta' Reġjun.

20.3.3 **Laqgħa ma SME Chamber**

Il-President informa li Reġjun għamel laqgħa ma l-SME Chamber. Din il-laqgħa saret sabiex tinstab metodu ta' koperazzjoni biex jiġi ndirizzat il-problema ta' l-iskart kummerċjali mormi b'mod illegali f'zoni indikati bħala semi industrijali. L-SME Chamber qabel ser jaħdem mar-Reġjun u li ser jinfurmaw lil-membri tagħhom. Kien hemm qbil li tinbeda kampanja edukattiva ta' kif għandu jiġi riċiklat l-iskart kummerċjali. Bħala parti min din il-kampanja l-SME Chamber aċċettaw li jipparteċipaw fl-iskema SPI/SCI/03/2023 - The World Cleanup Campaign 2023 flimkien ma Reġjun Nofsinhar. Għal din il-laqgħa kienu preżenti l-President, Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-Maniġer tal-Ambjent.

20.3.4 **Għeluq ta' kont Bankarju Kumitat konġunt Zurrieq**

Il-President informa li Reġjun irċieva kommunikazzjoni relatata ma' l-għeluq kont bankarju ta' kumitat konġunt Żurrieq. Wara li ġie spjegat il-kontenut ta' kommunikazzjoni u x'qed jiġi mitlub . Il-membri preżenti ikkonkluda li peress il-kompożizzjoni tal-kumitat inbidlet u illum min tnax il-Kunsill huma biss tnejn li kienu jappartjenu fil-kumitat konġunt mhuwiex f'deskrizzjoni tal-Kunsill Reġjonali li jieħu it-talli deċiżjoni dwar it-trasferiment tal-fondi min dan il-kont bankarju.

20.3.5 **Notifika mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-laqgħat ta' Reġjun ikunu Live Streamed**

Il-President qal li Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ġie mitlub li laqgħat tal -Kunsill għandhom ikun Live Streamed. Il-President tenna li bħalissa il-kunsill qiegħed jopera b'mod temporanju min binja mikrija sakemm issir manutenzjoni ġenerali fil-binja ta' Reġjun għalhekk il-kamra fejn jiltaqa' il-Kunsill mhix attrezzati sabiex jiġi nstallat is-sistema meħtieġa. Din is-sistema hija maħsuba li tkun installata bħala parti mil-manutenzjoni fil-binja proprja.

20.3.6 **Transport minn kull lokalita għal attivitajiet matul is-sena ta' Reġjun Kulturali**

Il-President fakkar li l-attività li jmiss relatata ma Reġjun kulturali se tiġi organizzata f'Marsaxlokk nhar 30 ta' Ġunju 2023. Ir-reġjun qed jirrakkomanda illi jiġi organizzat transport min kull lokalita ħdan Reġjun meta tkun imtela attività relatata ma Reġjun kulturali. B'dan il-mod persuni anzjani u oħrajn ikunu faċilment jattendu, kif ukoll jitnaqqas il-problema tal-parking. Kien hemm qbil min membri presenti li jsir dan it-transport. Tqajmet mistoqsija dwar l-attivitajiet kulturali li jmiss jekk humiex approvati, il- President tenna li l-attivitajiet huma kollha approvati. Ġie mitlub sabiex il-Maniġer tal-Kultura tagħmel kuntatt ma dawk il-lokalitajiet fejn ma saritx l-attività marbuta ma sena kulturali

20.3.7 **Rilokazzjoni ta' servizz ta' Inġinier**

Il-President informa lil membri li l-Kunsill Reġjonali li ħass il-bżonn illi Reġjun jibda jagħti servizz ta' Inġinier speċjalizzat sabiex ikun jista' jaqdi il-funzjonijiet ta' Risk Assessment tal-Playing Fields marbut b'Direttiva numru 7,7A/2019 fost funzjonijiet oħrajn. Għalhekk talab id-direzzjoni ta' Direttorat tal-Implementazzjoni -Gvern Lokali fejn ġie ssuġġerita li ssir rilokazzjoni ta' Inġinier. Wara l-kien identifikat li Inġinier li jista' jaqdi dan ir-rwol, qed titqiegħed din il-proposta għal approvazzjoni tal-Kunsill. Il-President tenna li Reġjun mhux ser ikun qed iħallas għal dan is-servizz. Il-membri preżenti qablu mal-proposta kif preżentata.

20.3.8 **L-aħħar informazzjoni dwar il-ġbir u kontijiet ta' l-iskart**

President informa li għadu kif attenda laqgħa rigward il-ġbir ta' l-iskart riċiklat ( borża ħadra/griża) Ir-reġjun ser jiffirma ftehim mal-Producer Responsibility Organization li huma

il kumpaniji Green Pak u Green MT. Dan il-ftehim ser issir għaliex dawn il kumpaniji huma obbligati jirrifondu il-flus l-Reġjuni ta' l-iskart riċiklat abbażi Waste Management ( Packaging and Packaging Waste) ( Amendment ) Regulations 2022 (S.L.549.43 )Reg 13(8).

Il-President kompla biex jispjega kif qed jiġu ikkalkulati il-kontijiet tal-iskart, fejn huwa personalment kien qed jagħmel rikonċiljazzjoni ma rapporti mibgħuta mill-Wasteserve, ġie innotat li kien hemm diversi nuqqasijiet fil-eżerċizzju li kien qed issir mill Maniġer tal-iskart preċedenti. Dawn id-differenzi qed jiġu ndirizzati hu ser inkunu ċerti li l-kontijiet ser ikunu iktar preċiżi. Qed tintalab ukoll il-parir ta' l-accountant tal-Kunsill ħalli nkunu aċċertati li l-ammonti jkunu ikkalkulati b'mod li kunsidrat legali u korrett għal fini ta' awditjar.

20.3.9 **Ċir AKL 2023/045_LESA - Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal**

Il-President informa lil membri li Reġjun irċieva kommunikazzjoni mingħand AKL li sar MOU ma Aġenzija LESA fejn ġie maqbul illi Reġjuni se jingħataw sa 100,000 ewro sabiex ikopru spejjeż relatati ma servizzi mogħtija mill-Aġenzija LESA, Korp tal-Pulizija u tal-Protezzjoni Ċivili. Huwa spjega illi dawn il-fondi se jkunu allokati għal attività waħda li kull Kunsill u NGO ser jorganizzaw u li matulhom ser jagħmlu użu min servizzi ta' entitajiet imsemmija u jkopru sentejn, jiġifieri 50,000 kull sena. Il-President tenna li Reġjun tħalla fil-libertà sabiex jiddeċiedi huwa sabiex jimplimenta l-aħjar proċedura ta' kif ser jitqassmu u jiġu amministrati il-fondi.

Wara diskussjoni bejn il membri preżenti ġie maqbul li ser tkun allokata s-somma ta' €700 għal kull Kunsill u NGO's fl-irħula rispettivi. Għaldaqstant dawn l-għaqdiet iridu jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom mal-Kunsilli Lokali fejn jagħmlu talba għal ħlas ta' servizzi matul l-attività' li tkun organizzata kif ukoll tkun preżentata l-irċevuta fiskali. Il-ħlasijiet li ser isiru jridu jkunu konformi mal-linji gwida mibgħuta fiċ-ċirkolari maħruġa mill-AKL u approvati mill-istess Kunsill Lokali. Sussegwentement dawn għandhom jintbagħtu lill-Kunsill Reġjonali sabiex isir rijmbors lil Kunsill tal-ħlasijiet li jkunu saru. Dan ser isir sa mhux aktar tard minn 30 ġurnata li tkun saret it-talba kif indikat fiċ-ċirkolari.

20.3.10 **Capacity Building Event ma Regjun ta' Għawdex**

Il-President informa li l-istaff ta' Reġjun għamel Exchange visit ma Reġjun ta' Għawdex. Kienet ġurnata impenjattiva fejn l-istaff ħejja diversi preżentazzjonijiet u logħob interattiv relatat ma xogħol ta' Reġjuni. Sforz ta' dan l-eżerċizzju sirna nafu iktar lil xulxin u dwar kif jitmexxew ir-Reġjun tagħna. F'xhur li ġejjin il Reġjun Nofsinhar ser ikun qed jirreċiproka din l-exchange visit.

20.3.11 **Wied iċ-Ċawsli**

Il-President informa li qed issir iktar tindif ta' dan il-wied u Reġjun ġie nfurmat li ser jitpoġġew xi bankijiet ħalli jitgawdew mill pubbliku.

20.4 **Item: Reply to Management Letter Audit 2022**

Ir-risposta tal-*Management Letter* inqrat lil membri presenti. Kien hemm qbil unanimu sabiex ir-risposta tiġi mibgħuta lil NAO.

20.5 **Item: SPI/SCI/03/2023 - The World Cleanup Campaign 2023**

President informa li Reġjun qed jaħseb sabiex j'applika għal SPI/SCI/03/2023 għal ammont ta' madwar 1,500 euro. L-objettiv wara din l-iskema huwa li tittella' attività ġewwa suq ta' Ħal-Qormi immirata lejn l-entitajiet kummerċjali sabiex jingħata nformazzjoni u tagħlim kif jiġi riċiklat li skart. Ser jinxtraw stickers u brochures sabiex jitqassmu li nies. Huwa maħsub li ssir Clean-up f'zoni li hemm problemi ta' skart mormi b'mod abbużiv. Ir-Reġjun ser japplika f'isem il-lokalitajiet kollha f'ħdanu. Kien hemm qbil mill membri preżenti

20.6 **Skeda ta' Pagamenti;**

20.6.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 06/23A-1 u 06/23B-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

20.6.2 Wara mozzjoni mressqa min Kunsilliera Carmen Borg u sekondati mis-Sindku John Schembri il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

20.7 **Rapporti**

Ma kienx hemm rapport

20.8 **Affarijiet Oħra**

**Tiġdid ta' MOU -Ċentru Parrokkjali San Bastjan**

Il-President informa li Reġjun kien għalaq sena jopera miċ-Ċentru Parrokkjali ta' San Bastjan għaldaqstant ser jiġi mġedded MOU eżistenti sabiex ikopri sena oħra. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

20.9 **Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

20.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.00 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 20 ta' Lulju 2023 fil-5.30 pm.

Konfermati llum 20/07/2023

Jesmond Aquilina

President

Mariella Strout

Aġent Segretarju Eżekuttiv